# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar, 2001**

**Numru 22**

**Citaz. numru: 1480/96 NA**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Aida Bruno Olivier**

**Legittimu kontradittur - Sejha fil-kawza**

**Il-Qorti sabet li almenu in parti l-konvenuta kienet il-legittimu kontradittur f'din il-kawza pero' ordnat il-kjamat-fil-kawza tat-terza persuna li kienet probabbilment responsabbli ghall-parti mid-dejn reklamat.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Korporazzjoni attrici fid-9 ta' Mejju 1996 fejn ippremettiet:

"Illi skond ir-regolamenti vigenti w il-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness a Dokument "A", il-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm569.03 (hames mija u disgha u sittin liri Maltin u tlett centezmi) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 483149;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmulha, kif ukoll fi spejjez ohra ndikati fil-prospett dettaljat a Dokument "B";

Illi minkejja nterpellata thallas il-kont, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm569.03 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telephone numru 483149 u skond il-prospett esebit a Dokument "B", kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Jannar 1995 u tal-Mandat ta' Qbid tat-23 ta' Mejju 1995 u bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-3 ta' Settembru 1996 fejn eccepiet:

1. “Illi, preliminarjament, il-konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza, is-*subscriber* tas-servizz tat-telefon bin-numru 483149 effettivament kienet kumpanija bl-isem "Men's Full Hair Limited", u li taghha l-esponenti kienet tokkupa l-kariga ta' direttrici;

2. Illi, ghalhekk is-somma pretiza mis-socjeta' attrici mhiex dovuta mill-konvenuta izda mis-socjeta' "Men's Full Hair Limited", illi effettivament kienet l-unika persuna legali illi kompliet taghmel uzu esklussiv minn dan is-servizz u/jew

dovuta mid-direttur attwali ta' l-istess socjeta', u cioe' minn Josef Schmid, illi kien personalment accetta r-responsabbilita' eslussiva u personali ghall-hlas ta' l-imsemmi kont, meritu tal-kawza odjerna, u illi taghhom l-esponenti qieghdha umilment titlob il-kjamata in kawza fl-atti tal-proceduri odjerni;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u dwar il-meritu, l-esponenti qieghdha wkoll tikkontesta l-*quantum* tas-somma pretiza mis-socjeta' attrici billi, kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dan is-servizz tat-telefon ma kienx jahdem bejn Gunju u Settembru 1993 u kien, in oltre, gie maqtugh is-servizz f'Novembru ta' l-istess sena fuq talba ta' l-isess esponenti;

4. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Rat l-atti kollha rispettivi, semghet ix-xhieda w ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet li gewipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi din is-sentenza hija biss wahda parzjali immirata lejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta. In sostenn ta' din l-eccezzjoni l-konvenuta ressqet ix-xhieda ta' zewgha u ta' l-awditur Benjamin Rizzo. Il-Qorti tifhem illi fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuta w is-socjeta' "Men's Full Hair Limited" jidher, partikolarment mix-xhieda ta' Benjamin Rizzo, l-awditur ta' din is-socjeta', li kienet l-istess socjeta' li kellha tkun responsabbli ghall-kontijiet tat-*telephone* in kwistjoni. Din ir-relazzjoni interna pero' ma tistax tippregudika lis-socjeta' attrici, salv ghal dak li sejjer jinghad fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, hlief fejn din ir-relazzjoni interna giet b'xi mod irrikonoxxuta mill-istess socjeta' attrici.

Is-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda provi biex tirribatti l-provi attrici u jidher min-nota ta' sottomissjonijiet minnha maghmulha li qieghdha tistrieh fuq il-provi dokumentarji esebiti mad-dikjarazzjoni guramentata taghha, li pero' jikkostitwixxu prova daqs kwalunkwe prova ohra.

Minn din il-prova jirrizulta illi l-linja tat-telefon in kwistjoni applikat ghaliha u l-*agreement* in kwistjoni sar mal-konvenuta

personalment. Ma hemm l-ebda ndikazzjoni illi hija kienet qed tiffirma ghan-nom ta' haddiehor u mhuwiex ikkontestat illi l-firma hija taghha. Mill-banda l-ohra l-prospett li gie esebit mis-socjeta' attrici mhuwiex inkonsistenti ma' dak li xehdet il-konvenuta u dan almenu sa Novembru tal-1993 fir-rigward tax-xhur li fih it-telefon kien bil-hsara. Sa Novembru tal-1993 ghalhekk il-Qorti ma tarax kif tista' taccetta t-tezi tal-konvenuta u dan meta hija ddikjarat "*Jiena qatt ma ghamilt talba bil-miktub lill-Korporazzjoni biex it-telefon jinbidel minn ismi personali ghal fuq il-kumpanija.*" Anke l-ftehim minnha esebit bhala Dokument "A" a fol. 16 tal-process jindika fil-klawsola numru 4 illi l-konvenuta ma kenitx sejra tkun aktar responsabbli ghad-dejn tas-socjeta' fuq imsemmija minn Dicembru tal-1993 u mhux minn qabel din id-data u dana partikolarment meta l-istess konvenuta xehdet ukoll "*Qed nigi mistoqsija jekk meta ghamilt dan l-"agreement" kont inkludejt il-kont tat-Telemalta, jiena nghid li le ma kontx inkludejtu. Jiena kull ma ffirmajt kien li ma nkunx aktar responsabbli ghad-dejn tal-kumpanija.*" Ghall-perjodu ghalhekk ta' qabel Dicembru tal-1993 fir-relazzjonijiet mas-socjeta' attrici zgur li *prima facie* ghandha twiegeb personalment il-konvenuta. Din kienet tkun ukoll is-sitwazzjoni legali korretta anke ghall-wara din id-data li kieku s-socjeta' attrici ma kenitx accettat li l-

konvenuta ma kellhiex aktar x'taqsam mal-kontijiet dwar il-linja in kwistjoni.  Din l-accettazzjoni pero' tirrizulta mill-kont mahrug mill-istess socjeta' attrici tal-31 ta' Dicembru 1993 esebit a fol. 18 tal-process minn mnejn jirrizulta illi l-kont ta' Dicembru ta' Lm284.05 huwa l-istess kont identiku ghal dak indikat fil-prospett a fol. 4 tal-process.  Dan il-kont huwa intestat "Man Full Hair".  L-istess ma jistax jinghad, almenu f'dan l-istadju, fir-rigward tal-kumplament minkejja illi fuq dan il-kont hemm ukoll indikat ammont ta' arretrati u dan partikolarment ghax ma jirrizultax sufficjentement ippruvat lanqas fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuta w is-socjeta' li taghha kienet direttrici li qabel dan il-perjodu kienet din is-socjeta' u mhux hija personalment li kienet responsabbli ghal dan id-debitu.

F'dan l-istadju l-Qorti jidhrilha illi oltre ma tistax tmur hlief li, a tenur ta' l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li a spejjez provvizorjament tal-konvenuta ghandha tissejjah fil-kawza s-socjeta' "Men's Full Hair Limited" u dan minkejja illi din is-sentenza kellha tkun biss immirata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Fis-sens fuq indikat l-ewwel eccezzjoni hija michuda w il-kawza hija differita ghad-9 ta' Lulju, 2001 fin-12.30 p.m. ghall-konkluzzjoni filwaqt illi l-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.